FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' NOVEMBRU 2000

PULIZIJA

SPETTUR HELGA DEBONO

VS

ANTOINETTE CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Antoinette Calleja ta' 34 sena bint Salcu Sciberras u Helen nee Portelli imwielda B'Kara fl-24 ta' April 1966 u residenti 19, triq Ghar il-Gobon, B'Kara detentrici ta' karta tal-identita numru 227166M talli f'dawn il-gzejjer, bejn Jannar 1999 u Ottubru 1999 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda; b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi write haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm1651.22 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309, u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

alternattivament approprijat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata f'idejha jew illi

giet ikkunsinnata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat u dan billi sarrfet diversi somom ta' flus li globalment jilhqu is-somma ta' Lm1651.22 li kellhom jigu ikkonsenjati lira lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u dan bi ksur ta' l-artikolu 293 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

MAGISTRAT

MARICA CARUANA

A/DEP REG.